



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 10/19**  
il-Lussemburgo, 6 ta' Frar 2019

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

**Dħul fil-kariga ta' Avukat Ġenerali ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja**

*Udjenza solenni tas-6 ta' Frar 2019*

Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2019, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea īħatru bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mill-5 ta' Frar 2019 sas-6 ta' Ottubru 2024, lil Priit Pikamäe, li qiegħed jissostitwixxi lil Nils Wahl.

Fl-okkażjoni tat-tmiem mill-kariga u tat-tluq ta' Nils Wahl u tad-dħul fil-kariga ta' Priit Pikamäe, illum ser tinżamm udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tiġi trażmessu dirett minn 12:00 fuq is-sit segwenti:  
<http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdj>.

***Curriculum vitae ta' Priit Pikamäe***

Imwiedel fl-1973; gradwat fid-dritt (Universitajiet ta' Tartu u ta' Poitiers); dottorat fid-dritt (Università ta' Tartu, 2006); Direttur tas-7 Uffiċċju tad-Dipartiment Konsolari tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, I-Estonja (1995-1996); Direttur tad-Dipartiment tad-Dritt Kriminali fil-Ministeru għall-Ġustizzja (1996-2001); Imħallef fil-Qorti ta' Tallinn (2001-2002); Imħallef fil-Qorti tal-Appell ta' Tallinn (2002-2006); Imħallef fil-Qorti Suprema (2006-2009); President tal-Awla Kriminali tal-Qorti Suprema (2010-2013); Imħallef *ad hoc* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2010-2016); President tal-Qorti Suprema (2013-2019); President tal-bord responsabli għall-amministrazzjoni tal-qrati tal-ewwel istanza u tal-qrati tal-appell (2013-2019); President tan-netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Supremi Ġudizzjarji tal-Unjoni Ewropea (2017-2019); professur mistieden u membru tal-bord akademiku tal-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Tartu; membru fundatur tal-Assoċjazzjoni Estonjana għall-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni Ewropea; membru tal-Kunsill tal-Fondi tad-Dritt Kostituzzjonali fi ħdan I-Akkademja tax-Xjenzi tal-Estonja; membru tal-Assoċjazzjoni Akademika tad-Dritt tal-Estonja; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-6 ta' Frar 2019.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*